MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-11 ta' April, 2005

Avviz Numru. 1221/2000/1

**Paul u Nathalie Gauci**

**Vs**

**Joseph u Carmen konjugi Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-atturi s-somma ta' mitejn hamsa u sittin Liri Maltin u disghin centezmu (Lm265.90) rapprezentanti hlas ta' appogg pratikat mill-konvenuti proprjetarji tal-fond "Rodcare", 13, Triq il-Penit, Zebbug mal-proprjeta tal-atturi "Highlander", Triq il-Perit, Zebbug, liema ammont gie stabbilit mill-Perit Mannie Galea (Vide Dok A).

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali mill-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll, id-dokument anness mal-istess avviz a fol 2 sa fol 4 tal-atti u markat Dok 'A'.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol 10 ibid) u li biha eccepew bir-rispett:-

1. Preliminarjament il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni bid-dekors ta' hames snin minn meta gie pratikat l-appogg u dan ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost it-talba attrici ghall-ammont mitlub hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, dwar l-eccezzjoni in esami kif proposta mill-konvenuti a basi tal-artikoli 2156(f) l-attur Paul Gauci (fol 21 u fol 22 ibid) specifika li x-xoghol kien gie kompletat mill-konvenut f"madwar is-16 ta' Lulju 1996 skond kif hemm imnizzel fid-dokument a fol 2". Dwar l-istess appogg, imkejjel mill-Arkittett u Inginier Civili Mannie Galea (fol 16 tal-istess atti) dan enfasizza li l-konvenuti bdew ix-xogholijiet ta' bini fil-post taghhom "…prattikament meta jiena kejjilt l-appogg". Sussegwentement hu kien hareg il-kont relattiv ma l-istess konvenuti, "… spiccaw jibnu" cjoe madawar is-16 ta' Lulju 1996. In rigward Carmel Gauci, hu l-attur, dan semma li "madwar sentejn ilu" minn meta xehed fl-24 ta' Gunju 2002, presenti l-istess xhud, meta l-attur kien talab il-pagament tal-ammont dovut in rigward l-istess appogg, il-konvenut kien wiegeb "“ssaportini ftit ghax mghaffeg".

Illi da parti tal-konvenuta (fol 20 u fol 27 ibid) din xehdet li "…dhalna fid-dar in kwistjoni fil-bidu tan-1995 waqt li l-Perit Mario Balzan, prodott mill-sitess konvenuti (fol 46 u fol 47) il-Qorti tara li din ix-xhieda ma tantx hi rilevanti sabiex jigi stabbilit meta l-atturi setghu jitolbu u jesigu l-hlas tal-appogg in esami.

Ikkunsidrat

Illi f'dan il-kaz, l-eccezzjoni in esami ma tistax tigi akkolta. Difatti:

a) ma irrisultax illi l-perjodu ta' preskrizzjoni in esami skada u hawnhekk qed issir referenza ghal dak li skada bejn meta l-atturi setghu jesercitaw id-dritt taghhom li jithallsu l-ammont allegatament, dovut lilhom bhala appogg, u d-data tal-presentata tal-istess avviz.
b) Inoltre jidher mix-xhieda ta' Carmel Gauci, mhix kontradetta b'xi prova kontrarja, illi l-konvenut kien, fil-prezenza tieghu, irrikonoxxa d-debitu, allegatament dovut minnu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif proposta u tordna li dan il-kaz jitkompla sabiex jigi deciz fil-meritu.

Bl-ispejjes riservati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------